MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 425/2014

**L-avukat Franco Galea bhala mandatarju specjali ta' Southeast Asia Shipping Corporation, registrata gewwa l-Filippini**

**-VS-**

**Il-Bastiment B Ladybug (IMO 9445394)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Franco Galea (Karta tal-Identita' Nru: 402281(M)) bhala mandatarju specjali ta' Southeast Asia Shipping Corporation, registrata gewwa l-Filippini tas-16 ta' Mejju, 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi nhar it-30 ta' April 2010, is-socjeta Southeast Asia Shipping Corporation dahlet fi ftehim mas-socjeta rregistrata gewwa Singapore, NOS Shipmanagement PTE Ltd [Dok FG1] li permezz tieghu s-socjeta Southeast Asia Shipping Corporation kellha tiehu hsieb, li ssieb u tipprovdi l-ekwipagg ta' numru ta' bastimenti li kienet tiehu hsieb bhala operar s-socjeta' l-ohra;*

2. *Illi fost il-bastimenti li ghalihom s-socjeta' rikorrenti kellha tipprovdi l-ekwipagg kien hemm il-Bastiment B Ladybug bin-numru ta' 1-IMO 9445394 li kien itajjar il-bandiera tal-Panama [Dok FG2];*

3. *Illi fil-fatt s-socjeta' rikorrenti esegwiet l-obbligi nkombenti fuqha u pprovdiet l-ekwipagg rikjest;*

4. *Illi s-sidien u l-operaturi tal-Bastiment B Ladybug dahhlu f'problemi finanzjarji u la bdew ihallsu lill-ekwipagg u lanqas lis-socjeta' rikorrenti tax-xoghol u l-provvista ta' l-ekwipagg;*

5. *IIIi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn tlieta u tletin dollaru Amerikan punt tlettax ($25,233.13) elwivalenti ghal tmintax-il elf mitejn u erbatax -il Ewro u tnejn u sebghin centezimu (€18,214.72) huma dovuti lis-socjeta rikorrenti ghaz-zmien minn l-1 ta' Mejju 2013 sad-19 ta'April 2014 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok FG3 u Dok FG4 ghal provvista ta' ekwipagg ghal bastiment B Ladybug liema cifra tinkludi spejjez medici, pagamenti. ta' sigurta' socjali ta' l-istess ekwipagg u spejjez ohra relatati ma' l-istess;*

6. *Illi minkejja li r-rikorrenti nterpellat lil kull min ghandhu rabta ma' dan il-bastiment fosthom is-socjeta' li ngaggata u s-sidien passati u prezenti tal-bastiment, hija baqghet ma thallsitx dak dovut lilha;*

7. *Illi nhar it-30 ta' April 2014, r-rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' arrest kawtelatorju fil-konfront tal-Bastiment intimat [Dok FG5] ;*

8. *Illi l-mandat ta' arrest kawtelatorju surreferit ghadu in vigore u ghaldaqstant il-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u taht il-guridizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrenti huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-istess rikorrenti, l-intimat m'ghandhux ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma;*

10. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, jghid il-bastiment intimat, B Ladybug ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:*

1. *Ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili Kap. 12; u*

2. *Tiddikjara it-rikorrenti kreditrici tal-Bastiment intimat B Ladybug fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn tlieta u tletin dollaru Amerikan punt tlettax ($25,233.13) ekwivalenti ghal tmintax-il elf mitejn u erbatax -il Ewro u tnejn u sebghin cerrtezmu (€18,214.72) u li tali kreditu huwa wiehed privileggjat ai termini tal-Kap.12 u l-Kap 234 (Art.37 D u 50) tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lil Bastiment B Ladybug ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn tlieta u tletin dollaru Amerikan punt tlettax ($25,233.13) ekwivalenti ghal tmrntax-il elf mitejn u erbatax -il Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€18,214.72);*

3. *Taghmel ordni ai termini ta' l-Art.37(1) tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-Bastiment intimat, B Ladybug sakemm isir il-pagament dovut lil rikorrenti jew tinghata garanzija xierqa ta' tali hlas;*

*BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest bin-numru 669/14 pprezentat nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) u bl-imghaxijiet dekorribli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni"*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-bastiment intimat;

Rat in-nota tar-rikorrenti tat-2 ta'Gunju 2014 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-bastiment intimat ma deherx meta ssejhet il-kawza fl-udjenza fit-12 ta' Gunju 2014, u l-llum 3 ta' Lulju 2014, l-bastiment intimat baqa' ma deherx;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Franco Galea li ikkonferma l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju, ikkonferma Dok.FG4 u li ma sar ebda hlas mill-bastiment intimat lill-Souteast Asia Shipping Corporation mid-data tar-rikors promotorju l'hawn;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors promotorju tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Il-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 37(1) u (3) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqis illi l-kreditu ta'Souteast Asia Shipping Corporation huwa privileggjat u ghaldaqstant il-Qorti ma jidhirlix li hemm htiega illi timponi obbligazzjoni ulterjuri ghas-sigurta' addizzjonali.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili Kap. 12; u

2. Tiddikjara r-rikorrenti kreditrici tal-Bastiment intimat B Ladybug fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn tlieta u tletin dollaru Amerikan punt tlettax ($25,233.13) ekwivalenti ghal tmintax-il elf, mitejn u erbatax -il Ewro u tnejn u sebghin cerrtezmu (€18,214.72) u li tali kreditu huwa wiehed privileggjat ai termini tal-Kap.12 u l-Kap 234 (Art.37 D u 50) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tikkundanna lil Bastiment B Ladybug ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn tlieta u tletin dollaru Amerikan punt tlettax ($25,233.13) ekwivalenti ghal tmrntax-il elf mitejn u erbatax -il Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€18,214.72); u

4. Tichad ir-raba' talba ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-bastiment intimat.

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------